# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 7 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 497/01**

**Numru 34**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**John Walker u martu Josette Walker**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u seba' u tletin lira (Lm537) rappresentanti import ta' tmien (8) kambjali, wahda ta' Lm26 u l-ohrajn ta' Lm73 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Ottubru 2000 sa Mejju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 8 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sad-9 ta' Mejju 2001 jammontaw ghal Lm13, oltra l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u

bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-1 ta’ Novembru 2000 u tal-15 ta‘ Marzu 2001 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota tas-socjeta attrici (Fol 19 tal-atti) li biha l-ammont mitlub fl-avviz gie ridott ghal Lm351 bl-imghax dovut mis-27 ta’ Lulju 2001.

Wara li rat l-annessi kambjalijiet a fol 2 sa fol 9 tal-atti;

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont kif ridott u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-12 ta' Dicembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm351.00,0 bl-imghax legali mis-27 ta’ Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta‘ Novembru 2000 u ta‘ dik tal-15 ta’ Marzu 2001.

Albert Calleja
Deputat Registratur